# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta, ta daŭl, ta taghlim, taħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, il 25 TA MARZU, 1913. NRU. 58.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

## STEDINA lill Chittieba taghna.

Nixtieku li, sat-8, jeŭ l'actar il 10 t'april,. daŭc il Chittieba taghna li iħobbu iħabbtu rashom mal Poeżija, jibaghtulna xi ħaġa FUK IL CUNGRESS.

Jecc mar-Religjon tidħol ucoll il Patrja, xejn ma naraŭħ ħażin, ghax din il migja tal Cungress Eŭcaristicu fostna sejjra tcun, bil ghajnuna t'Alla, ta kima cbira lir-Religjon u ta gieħ xejn inkas lill Gżira maħbuba taghna.

Iżda ma rridux ħŭejjeġ tŭal: ħsieb sabiħ u minsuġ tajjeb (f'cull kies ta *versi* u taksim ta *strofi* li joghġbu lill Chittieb) u xejn actar.

Il Poeżiji bla *firma sħiħa* ma ngibuhomx: imma *bil firma* nilkghuhom (jecc jolktuna) ghalavolja ma icunux ta Chittieba tal *Habib.*

X'bi ħsiebna naghmlu bihom nghidu darb'oħra.

ID-DIREZZJONI.

## Il Programma tal funzjonijet TAL Cungress Eûcaristicu.

### Nhar it-Tlieta, 22 t'april 1913.

FUK NOFS IN-NHAR.—Jasal l'Eminentissimu Cardinal Legat tal Papa.— L'Eccellentissimu Monsinjur Portelli, Iskof ta Selinonte u Aŭsiljarju (*Ghajnuna*) tal Iskof ta Malta, u Sir Joseph Carbone,G.C.M.G.,K.C.V.O.,LL.D., Commendatur ta San Ghirgor Manju, jitilghu jatuħ kima abbord u imbaghd jinżlu mieghu l'art. Monsinjur Arci-Iskof u il Cbarat collha imorru, flimchien mal Cleru *Seculari* u *Regulari* (jigifieri *Kassisin* u *Patrijet*) jilkghuħ ħdejn il cnisja ta Sarrija, fejn l'Arci-Iskof u l'Illustrissimu Mħallef Pullicin, LL.D., jatuħ il *Merħba Bîc;* u ŭara dan, jibka dieħel bi Processjoni il cnisja ta *San Ġŭann,* fejn jinghad it-Talb tal cnisja. Minn hemm, l'Eminentissimu Cardinal jinżel *privat* il Palazz tal Iskof.

### Nhar l'Erbgha, 23 t'april.

FIL GHODU.—Żjajjar tal Cbarat.

FUK NOFS IN-NHAR.—Fit-3 u nofs, jiftaħ il Cungress geŭŭa il cnisja tal Mosta:

1. Jibda l'Eccellentissimu Monsinjur Heylen, Iskof ta Namur (fil Belgju) u President tal *Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici Internazzjonali,* li jaghmel it-*Taħdita tal ftuħ;*

2. Is-Segretarju General tal Eccellentissimu Arci-Iskof ta Malta jakra il Brevi (*Ittra bil Latin*) tal Papa;

3. L'Eminentissimu Cardinal Dumincu Ferrata, Legat tal Papa, jaghmel *Taħdita fuk il Cungress;*

4. Iŭieġbu l'Eccellentissimu Monsinjur Pietru Paċ, Arci-Iskof ta Rodi u Iskof ta Malta;

5. Jitchellmu l'Eccellentissimu Monsinjur Iskof Aŭsiljarju fl'isem tal Cleru u l'Illustrissimu Marchis Alfredu Mattei, LL D., Camrier tal Papa u President tal *Camra Pontificja,* li chien ucoll Membru tal Cunsill Esecuttiv u Legislattiv tal Gvern, fl'isem tal Poplu;

6. Iŭiegibhom *Cungressista* barrani;

7. Ir-Reverendu Patri Censu Sammut, Geżŭita, ifisser x'in hu il Cungress.

FIL-GHAXIJA.—Fit-8, Priedca u Barca bis-Sagrament fil Parroċċi collha u fil Cnejjes tal frieghi tal Lakghat.

### Nhar il Hamis, 24 t'april.

FIL GHODU. — *Mill'erbgha sat-tmienja,* Kuddies u Tkarbin: u isir hecc il granet collha.—*Fis-sebgha, Tkarbina Generali* tat-tfal fil cnisja ta San Publju (il Furiana): u ghall ħabta tad-disgha daħla taħħom il Belt, minn Strada Rjali.—*Fit-tmienja,* Kuddiesa Cbira *San Ġŭann* (Pontifical) imkaddsa minn Cardinal; u Kuddies Cantat imkaddes minn Iskfijet fi Cnejjes oħra.

*Mil ghaxra sa nofs in-nhar.* Lakghat imkassmin scond l'Ilsna, jigifieri:

a) Fil cnisja tal *Geżŭiti,* ghat-Taljani;
b) Fil cnisja ta *Santu Ŭistin,* ghall'Ingliżi;
c) Fil cnisja ta *San Frangisc,* ghal Franciżi;
d) Fil cnisja ta *Gieżu,* ghal li Spanjoli;
e) Fil cnisja ta *Santa Caturina d'Italia,* ghall Belgjani;
f) Fil cnisja ta *Santa Maria Damascena,* ghall Grieghi;
g) Fil cnisja tal *Carmnu,* ghat-Tedeschi;
h) Fil cnejjes *Parroċċi,* ghall Poplu Malti.

FUK NOFS IN-NHAR.—*Fit-3 u nofs,* it-tieni Lakgha ta cullħadd fil cnisja tal Mosta.

FIL GHAXIJA, *fit-8,* bħall jum ta kabel.

*Fil ghaxra,* l'Eminentissimu Cardinal Legat tal Papa jilka iż-żjajjar il Palazz tal Iskof.

### Nhar il Gimgha, 25 t'april.

FIL GHODU.—*Fit-8,* Kuddiesa Cbira (*Pontifical*) imkaddsa il Catidral (li Mdina), minn Cardinal; u Kuddies Cantat imkaddes minn Iskfijet fi cnejjes oħra.—*Mil 10 sa nofs in-nhar,* Lakghat imkassmin scond l'Ilsna.

FIL GHAXIJA —*Fit-3 u nofs,*it-tielet Lakgha ta cull-ħadd fil cnisja tal Mosta; u fit-8 ta bil lejl bħal jumejn ta kabel.

### Nhar is-Sibt, 26 t'april.

FIL GHODU.—*Fis-7,* Tkarbina Generali ta li *Studenti,* fil Culleġġjata ta *San Paŭl,* u tal *Figlie di Maria,* fil Bażilica ta *San Dumincu.*—*Fit-8,* Kuddies Cantat *San Ġŭann* u fi cnejjes oħra.

*Mil ħdax sas-siegha,* ir-raba Lakgha ta cull-ħadd fil cnisja tal Mosta, li fiha jinghalak il Cungress.

ŬARA NOFS IN-NHAR.—*Fil ħamsa,* tinghata il Barca tas-Santissimu Sagrament lill Baħar b'sullennità cbira (mil Barracca ta fuk.)

### Il Hadd, 27 t'april.

FIL GHODU—(cmieni), *Tkarbina Generali* fil cnejjes collha.

*Fid-disgha,* Kuddiesa Cbira (*Pontifical*) imkaddsa *San Ġŭann* mill'Eminentissimu Cardinal Legat tal Papa, li jati ucoll il BARCA PAPALI.

FIT-3 U NOFS TA FUK NOFS IN-NHAR, toħroġ il Processjoni sollenni bis-SANTISSIMU minn *San Ġŭann,* ma torok tal Belt u tal Furiana. Il BARCA SOLLENNI TAS-SAGRAMENT tintghata minn fuk *Tribuna (palc ghôli)* imkeghda fuk il ghajn ta bisŭit il Mall, fil KING'S AVENUE.

FIL GHAXIJA.—Mixilgha ma cull-imchien.

MAL LEJL ICUN HEMM L'ADURAZZJONI TAS-SANTISSIMU

*mil ghaxra ta fil-ghaxija sal erbgha ta fil-ghodu,*

fit-23 t'april, il Culleġġjata ta *San Paŭl;*
fl'24, il Bażilica ta *San Dumincu;*
fil 25, il Cnisja ta *Gieżu;*
fis-26, il Bażilica tal *Carmnu.*

*Nhar it-tnein,* 28 t'april, fil-ghodu, isir Pellegrinaġġ ghall Grotta ta San Paŭl (ir-Rabat).

*Nhar l'erbgha,* 30 t'april, issir ucoll funzjoni fil Catidral ta Ghaŭdex.

## Mirja ħżiena.

Krajna f'gażetta taljana li il *Poeti* minn drabi icunu *Profeti,* ghax ġrajja coroħ li naraŭ fid-dinja icunu chitbuhom ħafna żmien kabel bil fantasija ta moħħom: u din il gażetta taljana, li hi Cattolica u ŭaħda mill'aħjar, giebet, biex tŭettak cliemha, li is-serk tal *Gioconda* (dac il qŭadru famus, jisŭa il miljuni, li ħadd ma jaf chif ghosfor mil Museŭ ta Parigi) chienu taparsi ghamluħ ġara sitt snin kabel, fil ħrejjef li chitbu minn żniedhom, żeŭġ Chittieba mill'actar imsemmija (Max u Fisher); u li dac il ktil chiefer li sar daŭn il ġranet fl'inħaŭi ta Hennisnesdorf (il ħallelin chienu jafu li ŭieħed neguzjant b'ħafna dja-

manti fuku chellu ighaddi mid-desert b'aŭtomobbli u rabtulu *fil-di-ferru* oħxon minn siġra ghal oħra, mal ŭisa tat-triek, li, chif l'aŭtomobbli chien ghaddej fid-dlam b'dic is-saħħa collha, kaċċatlu rasu barra) dan il ktil, tghid il gażetta, chien ghamel il *profezija* tieghu il Chittieb Carl Hans Strobi, ghax,fir-rumanz imsemmi minnu *Cleagobal Kuperus*, li ilu snin jinkara, hecc, bil flieles ta rasu, joktol taparsi ŭieħed mil *persunaġġi* maħlukin minnu stess.

Iżda daŭn m'humiex *profeziji*: daŭn *Mirja ħżiena*. Il ħallelin tal *Gioconda* u il kattiela tan-Neguzjant tad-djamanti, imkanklin mil kari ħażin ta daŭc il cotba, studjaŭ fukhom chif ghandhom jaghmlu. U il Chittieba li ixerrdu it-taghlim ta chif jistghu isiru ġrajja hecc coroħ u ŭaħxija, minn ghalina, ghandhom kuddiem Alla li stess ħtija, jecc mhux acbar, ta min jaghmilhom. Il bniedmin imħassra mil ħajja ħażina jeŭ immejjlin minnhom infushom ghall ħażen, xejn ma icun jonkoshom ħlief min jatihom id-daŭl,min ikabbadhom it-tarf, chif jista isir dac li moħħom ma iŭassalx biex joħlok: u il misħuta rumanzi tat-tużżana, bil ħrejjef li ipaspru li Chittieba taħħom biex isaħħnu li mħuħ tal boloħ u ighixu minn fukhom, huma l'akŭa ħbieb tal ħallelin u tal kattiela.

Ŭisk iżjed, imbaghd, daŭn il cotba bla gieħ u bla mistħija jaghmlu ħsara bil ġrajja ta mħabba u ta mgiba m'humiex xierka, ghax minn din il ghajn intoscata jixorbu mhux daŭc biss li huma diġà imħassra mil ħajja ħażina jeŭ immejjlin minnhom infushom ghall ħażen, imma it-tajjbin ucoll u l'iżjed fosthom ix-xebbiet u it-tfal: anzi, actar ma icunu tajjbin, actar jidħlu malajr fix-xibca. Daŭn il *Mirja karrieka*, f'lôc ma jittebbghu bin-nifs ta min icun kuddiemhom, itebbghu huma il min iħares geŭŭa fihom biċċpar li joħroġ minnhom!

Imm'issa ghandna ucoll *Mirja ħżiena* oħra: iċ-*Cinematografi*: li huma ŭisk aghar mir-*Rumanzi*, ghax minnhom jista jitghallem cull-ħadd, daŭc li jafu jakraŭ u daŭc li ma jafux: u jitghallmu aħjar, ghax jaraŭ il fatt kieghed isir taħt ghajnejhom, b'daŭc ir-rkakat collha li il cotba katt ma jirnexxilhom ifissru hecc tajjeb, inkas jecc joħorġu mil pinna smarġassa u faħxija ta D'Annunzio!

Londra, li Svizzera u Pajjiżi oħra kâmu contra iċ-*Cinematografi*: il Germanja, mbaghd, ħarget fukhom ligi tas-seŭ kalila: u cull-imchien kieghed isir tghemghim cbir, ghax fl'aħħar iddinja intebħet li huma il ħtija ta chemm kieghdin joctru bis-sieghat id-*delitti*.

Haŭn Malta—nistħu nghidu—jidhru fattijet fiċ-*Cinematografi* li il Pulizija tal Italja ma tcunx ħalliethom isiru: u minnhom biss gejja dic is-seħta ta *lussu* u ta *sfaċċar* li chibsu f'dakka fuk in-nisa, xebbiet u ommijet, biex ma 'nsemmux ħŭejjeġ oħra li il *Habib* ma iridx jitcasbar bihom.(*)

— —

(*) Mita conna ctibna dan l'articlu, smajna li f'*Cinematografu* tal Belt kieghda tidher il *Hajja ta San Giorġ*: u billi ix-xniegha ta *Hajja* famusa ta *San Giorġ* chien ilha tiġri, ghax il Hamrun u ħal Kormi bdeŭ imexxuha minn xahar kabel, morna naraŭha aħna ucoll, biċċa ghax minn ħal Kormi u biċċa ghax l'eŭŭel nitfa ta ctieb li ħriġna (fis-sena 1876) chien per l'appuntu il *Hajja ta San Giorġ*, stampata mbaghd darbtejn oħra (Ghaŭdex, minn Monsinjur Vella, li ghoġbu jiddedicalna iż-żiediet sbieħ tieghu; u Malta, mid-*Dar ta San Giusepp*, xi tliet snin ilu). Gharucaża! Dic m'hix il *Hajja ta San Giorġ*! Anzi, ma hemm xejn mil *Hajja ta San Giorġ*! Xejn: la il pajjiżi, la l'ismijet, la il ġrajja! U San Giorġ katt ma sab-ruħu f'daŭc il lochijet ħżiena! U il *ħrafa* collha li tidher ma ghandha x'taksam xejn, xejn u xejn mal *Hajja ta San Giorġ*! Ghaliex bil vuci igerrghu ix-xniegha môd u imbaghd jinsab ieħor? Min ħariġha ix-xniegha karrieka?! Sabiħa din: tmur biex tara ħajja mkaddsa, ġrajja ta miracli tal ghageb, nisġa ghażiża ta ħŭejjeġ tal Genna; u issib l'*oxxenità* ta katta cbira nisa u irgiel f'sacra ta dnubiet faħxija! Dan issa sejjer jibda isir biex in-nies it-tajjba tidħol bil ktajja fiċ-*Cinematografi?*....

Tas-seŭ li l'*Avviżi* ma chienux ighidu li chien hemm *Hajja ta San Giorġ*: anzi,chienu ighidu li ma chienx hemm ħlief *Hrafa* (bla ras u bla denb) li kala minn żniedu Artista taljan: imma li *Stampi*, imfissrin mix-xniegha cbira li ġriet kabel, chienu ikarrku b'cull-ħadd! Tarġa l'*Avviżi* bosta nies, tista tghid collha, jakraŭhom mita icunu ħallsu il post u daħlu geŭŭa iċ-*Cinematografu*!

## Draûûiet taghna.
## Il Ghid il Cbir.

Ghodu ghodu, sbieħ il Ghid, fl'ibliet u f'xi rħula ta Malta issir procissjoni bil vara ta Cristu Irxuxtât.

L'isbaħ ŭaħda, fost daŭn il procissionijet, hija dic tal Belt.

In-nies tinġabarlec bi ħġarha, cmieni cmieni, nghidu aħna fis-sghatejn ta bil-lejl, ħdejn il cnisja tal Grieghi; mnejn, imbghad, ghall ħabta tat-tlieta ta fil ghodu, toħroġ il procissjoni, illi fiha jeħdu sehem, barra minn ħafna żghażaħ bl'anterni mixghulin u il Papâs ucoll. Iduru mat-torok il ċbar tal Belt, fost l'ghajjât ta ferħ ta eluf u eluf ta ħlejjak li f'dic il ghodŭa jinġabru hemm mit-trufijet collha tal Gżira. Mita jaslu ħdejn il cnisja tal Vitorja (dic li taraŭ ŭara it-Tîatru) iŭakkfu fuk il forcini u jistrieħu ftit tal ħin; f'salt ŭieħed in-nies jiġġennbu u jaghmlu il ŭisa u malli cullħadd clieros min-nofs it-triek, ir-reffiegha jitilku jiġru bil vara chemm ghandhom saħħa u mnejn sa fuk is-sûr tal Barracca. Dan il giri tal vara, itennuħ hecc tliet darbijet jeŭ erbgha f'xi naħiet oħra tal Belt, l'isbaħ u l'akŭa girja, iżda, li biha jixxeghlu u jitghaxxku seŭ daŭc li icunu hemm miġmughin iħarsu, seŭ ucoll ir-reffiegha tal vara, hija dic li issir fil kalba t'isfel tat-triek Rjala huma-u-telghin it-telgha ta Santa Catarina, kuddiem l'Abatija.

Haŭn il ghors icun cbir tas-seŭ, u cullħadd ighin lil tal vara f'dic il girja, ŭakt li ghajjât ta ferħ ma jakta xejn, fost id-dakk tal kniepel u it-tixjir tal brieret.

Dun Giużepp Farrugia,
*Cappillan.*

## Il Kaûma ta Cristu mil Meût.

Lill Cav: G. Muscat Azzopardi p.l.
*b'xhieda ta chemm u chif nkim il Kàlam (*) tieghu.*

ODE.

Chif!, ħarbilcom Dac li xrobtu
minn ta demmu l'aħħar katra?
ma slabtuħx?
ma ktiltuħx?
u chif ghamel sabiex jaħrab
ma tghiduħx?
Il ghassiesa daŭŭru 'l kabru
biex rażuliu (1) lè jeħduħ;
iżda 'l blata
inculmata
tafa' fl'art hedaca Cristu
li chien bata;
u ħarbilcom micsi dija,
mimli setgha, ħniena mimli;
u ta Adâm
l'oħxon dlâm
daŭŭal Cristu chif mil kabar
raġa kâm.
Minn ta l'iżmna it-trab chien ŭaka'
li chien chesa' collox sŭied;
u fil bxara
tal baxxara
cullħadd kieghed ŭemen sħiħ
bl'icbar ħrara;
ghax il makdes (2) raġa' ŭakkaf
fi tliet jem, chif chien Hu kâl;
u ir-ruħ tieghu,
ŭakt li mieghu
reġghet ghakdet, uriet setgha
minn ta drieghu.
Minn ġò l'okbra, dûd u ntiena,
kabżu l'iġsma tat-tajjbin:
Isaija,
Malachija
u il baxxara mieghu nghakdu
kattanija;
minn xoftejhom:—*Sanctus*! *Sanctus*!
*Sanctus*!—fakka; fakka:—*Osanna*!—
Fuk l'irieħ
dac il gieħ
tala' is-sema, li bieħ tghaxxak
minnufieħ.
O maħbusa f'Habs-id-dlâm, (3)
issa ħeles il ħbis taghcom:
il Mulej,
il Feddej
t'Isajja, rajtu fl'aħħar
chif chien gej?
B'liema ŭiċċ, int, Eva, ghiduli,
u int, Adam, dhertu kuddiemu?
u x'ghedtulu?
stkarrejtulu
id-dnub taghcom, u f'sakajħ
lè inxħettulu?
Xejn la tibżghu! *Sursum corda*;
ghaliex lejcom giè bil ħniena:
u il ŭaħxija,
taghcom ħtija
bid-demm tieghu ghażiż ħasel
eŭlenija.
Bejn il Genna u Habs-in-nar (4)
it-takbida ġiet mitmuma:
Cristu rebaħ
ghax chien sebaħ
dac il jum l' il ħolkien collu
abjad żebaħ.
Kaŭŭi tifraħ collha id-dinja,
ghax in-nar ma jirbaħhiex:
Cristu miet
ghax chien ried
b'hecc jifdina, u raġa' kâm
minn li miet.

Ninu Calleja.

(*) *Pinna*, bil Gharbi: il Latini ħâdu minnha *calamus*.

(1) Appostli: hecc *Ghajn Rażul* (San Paŭl-il-Bahar.

(2) Tempju, cnisja—scond Padri Magri.

(3) Il Limbu.

(4) L'Infern.

—Aħbar tajjba: mal Chittieba tal *Habib* żdied Dun Xand Cortis. M'hemmx bżonn nghidu actar. Inroddulu il ħajr u merħba biħ dejjem.

—Niżżu-ħajr, bil kima collha, lir-Reverendissimu u Eccellentissimu Monsinjur Arci-Iskof, li ghoġbu jibghatilna iż-żeũġ *Pasturali* li ħareġ l'aħħar. Chemm gid, chiecu jitũettak it-taghlim collu li fihom!

—Bi cmand ta li stess Arci-Iskof, sat-22 t'april, fil Cnejjes collha ta Malta li fihom jinżamm is-Sagrament, issir cull-jum qũarta Adurazzjoni kuddiem is-Santissimu, bit-tabernaclu miftuħ, f'ũakt l'actar tan-nies; u kabel ma tati il Barca, tinghad din it-

## Talba ta cull jum

### biex jirnexxi il Cungress Eũcaristicu.

O Maħbub Gesù, li biex tibka maghna fuk din l'art, u ma tħallina katt u imchien, mort issib mezz bis-sapienza tieghec infinita (*) l'iżjed sabiħ fl' Eũcaristija imkaddsa, isma, nitolbuc issa it-talb taghna, u atina il grazzja illi jirnexxi seũũa u tajjeb dan il Cungress Eũcaristicu, li aħna kieghdin inlestu biex naghmlu ghall'imħabba tieghec, ħalli maghna jatuc kima l'insara tad-dinja collha, ghaliex int Re ta cullħadd. Aghmel, o Gesù, illi geũũa il Cnisja, kuddiem it-Tabernaclu imkaddes, u fuk l'Artal, ũaħda tcun ix-xeũka u ũaħda il fehma: l'imħabba imkaddsa tieghec.

O Verġni bla tebgħa, ómm Alla, Marija, li ħabbejt actar mill'Anġli u mil Kaddisin collha flimchien, il Gesù Iben tieghec fil ħajja u ũara meũtu fis-Sagrament tall'Artal, akla lil cull min jaħdem ghal dan il Cungress Eũcaristicu il ghajnuna tas-sema, u xerred fuk dina l'art il barca tieghec.

San Paũl Missierna, u Kaddisin protetturi taghna, itolbu ghalina, biex Alla jatina il grazzja li nixtieku.

Imprimatur—Die 11 Martii 1913,
ALOISIUS Can. Theol. ATTARD, *Vic. Gen.*
Monsinjur PIETRU PACE, Arciskof ta Rodi, Iskof ta Malta, ta' l'indulgenza ta 100 giurnata lil dina it-Talba, fil jum 12 ta Marzu 1913.

# Chitbulna:—

(Maklub bil Malti mit-Taljan.)

## IL VJATCU.

«Habib Ġuzè,

«Jen li naf chif taħsibha u x'in huma il gibdiet tieghec ghar Religjon u ghall Patrja, ghax ilna ħbieb minn tfulitna, naħseb li dan li sejjer nictiblec jolktoc u ma tigicx tkila li takalbu mit-Taljan ghall Malti, biex biħ taħdem ghal dac il gid li hu il mira tal *Habib.* Ctibtlec bit-Taljan ghax deherli li actar jakbillec tiġbed mill'eũũel l'articlu tieghi bil Malti inchella tokghod isseũũi li żbalji bla tarf li cont naghmel fl'ortografija maltija.

«Nixtiek li ũaħda mit-tifchiriet tal Cungress Eũcaristicu tcun li, f'li bliet, l'actar fil belt Valletta u bi nhar, il Vjatcu jibda joħroġ ftit aħjar. U kieghed nghid *bi nhar*, ghax, ghad li jen ma naraħx ħlief fil ghodu u darba f'mija fuk nofs in-nhar, ighiduli li *bil lejl*, jigifieri mindu jidlam il kuddiem, ma joħrogx *mgharrak ghal-collox* (*indecente del tutto*). Imma bi nhar, narġa ntenni, joħroġ mgharrak seũũa. U inħossni nistħi mil Protestanti u mix-Xismatici li, daks chemm haũn minnhom il-bliet u l'actar il-belt Valletta, cull-fejn imur ghandhom jiltakghu mieghu.

«Jixrak, l'eũũel nett, li il Vjatcu joħroġ dejjem bil baldacchin: u dan jistghu jaghmluħ, jecc iridu, il Fratelli tas-*Sagrament* u tal *Cuor di Gesù*, li huma ta ghadd cbir fil Parroċċi ta San Dumincu u ta San Paũl, billi jitkassmu bejniethom, sitta f'cull Parroċċa, u jitbiddlu cull jum, irrid nghid erbgha ghall baldicchin, ũieħed ghall' umbrella u ieħor ghall bandiera. X'in hi ġurnata sacrificcju fix-xahar? Naħseb jen li, daks chemm huma nies, jecc jindaħlu daũc collha li jifilħu u jiccmandaũ rashom, inkas imisshom ġurnata fix-xahar. Icunu ighaxxku il Belt b'din l'imgiba sabiħa: u min ma toghġbux, nghiduha chif in hi, m'hux Fratell tajjeb.

«Jixrak ucoll li is-Sacerdot joħroġ dejjem bil *cappa*, mhux bl'*omeral* (it-terħa) biss. Barra milli jaghmel ħażin fil ghajnejn u juri nukkas tal cont, biex ma nghidx tal kima, ghandna niftacru li, minn dakkiet, ir-Reverendi Protestanti icunu jafu ir-*Ritũal Cattolicu* daksna u jifluħ tajjeb ghal tal apposta biex jittaccaũna.

«Jixrak, fl'aħħar, li daũc li joħorġu mal Vjatcu bid-dũal, seũũa xama u seũũa fanali, ma icunux tfal żghar, ghadhom bla ebda dehen ta dac li kieghdin jaghmlu u liebsin ħażin. Il Parroċċi tal bliet ghandhom tant żghażaħ ma dũarhom li jistghu iũarrbu nofs siegha minn fuk xoghlhom cull xhin iridu! In-nies tas-snajja, tal ħũienet u x'naf jen imisshom jaghmlu xriechi ghal din il ħaġa imkaddsa u jitkassmu bejniethom, chif ghedt ghall Fratelli. Imma irid icun hemm min iħaġġighom......

«Chemm tcun tifchira għażiża tal Cungress Eũcaristicu, chiecu xi rũieħ tajjba, mil Parroċċa il ũaħda u l'oħra tal Belt, jaghmlu din it-tkankila! U xi nghidu, mbaghd, chiecu, ghal dac collu li jista jiġri—ħass-ħażin, curriment, fastidju u ħũejjeġ hecc—tidħol iddraũũa mkaddsa li mas-Sacerdot bil Vjatcu joħroġ Sacerdot ieħor! Il Parroċċi tal Belt jistghu jaghmluħ!

«Imma biż-żejjed dan: nitimgħu f'Alla li icun il gid.

«Inselli ghalic u nitolboc tibka iżżommni chif dejjem żammejtni. «G. B.»

(*)*Sapienza infinita* jigifieri *Gherf bla tarf.*
ID-DIREZZJONI.

## Ma dûar id-dinja.

*Ruma*—L'aħbarijet fuk is-saħħa tal maħbub Papa huma dejjem aħjar—id-deni ħalliħ—jidher minnu in-nifsu tajjeb, ghaliex, ġà bida igib ruħu bħal kabel ma ta ma dũaru—iżda ghadu fjacc ũisk—Nittamaũ li f'kasir żmien incunu nistghu ingharrfucom li hu fiek ghal-collox.

*Grecja*— Fit-18 tax-xahar delitt orribbli ġara f'Salonicc: chien jinsab hemma, imħabba il gũerra mat-Toroc, Giorġ, is-Sultan tal Grecja—Ũara nofs in-nhar tat-tlieta li ghaddeũ, fil ũakt li hu chien bi qũietu u bla ħsieb jippassiġġa, bniedem, li jismu Schinas, gira b'pistola cbira f'idu ũara is-Sultan, u minn kasba krib sparalu ghal darhu, laktu f'kalbu u ũaka ghaxi fl'art. Bilġri ħaduħ li Sptar: iżda malli ũassluħ miet.—Intkal li il kattiel hu miġnun—iżda ma ghandux icun hecc u actarx hu xi anarchicu, ghaliex mita stakseũħ x'ġaghlu jaghmel hecc, ũiegeb li collox ighid meta icun kuddiem l'Imħallfin—Is-Sultan Giorġ chien maħbub ũisk, ghaliex fi żmienu ghamel bosta ghall cburija tal Grecja—Il meũt tieghu giebet il vistu f'bosta pajjiżi, ghaliex, billi hu ħu ir-Regina Alessandra, jigi ziju tar-Re taghna u tal Imperatur tar-Russja—hu ucoll ħu ir-Re tad-Danimarca u kraba mar-Regina ta Spanja u mal Imperatur tal Germanja, ghaliex ibnu Costantinu, li issa laħak f'lôcu Sultan tal Grecja, miżżeũũeġ lil bint dan l'Imperatur.

*Il Gũerra*—Ftit smajna f'daũn l'aħħar jem fuk il gũerra mat-Turchija—Nafu biss li il Potenzi il Cbar kieghdin jaghmlu idmir taħħom collu biex ighakkdu il paci—iżda stkarru li xejn ma icunu jistghu jaghmlu sa chemm il Grecja ma tnakkasx mil pretensjonijet taħħa—u fuk collox li tigi imħallsa tan-nefka tal gũerra.

Is-Serbi, flimchien mal Montenegrini, b'40 cannun, reġghu bdeũ il bombardament ta Scutari, u il Grieghi ħadu Clissura: ighidu li huma chellhom 13 mejjtin u 40 feriti, mentri it-Toroc tilfu nies bosta.

*Inghilterra*—Il *Prince of Wales* giè mtalla fil grâd ta Sottu-tenent tal Marina.

L.-M. C. G.

## Tûiddiba.

Mitlubin ingibu:

«Il *Medalji tal Cungress* maghrufin mil Cumitat *ma jinxtraũx*, imma jintaghtaũ *b'xejn*, flimchien ma VADE-MECUM (*Gũida żghira*), lill Cungressisti collha li icunu xtraũ it-TESSERA: u din it-*Tessera* tkum tmin xelini.—Daũc il *Medalji* l'oħra li haũn ghall bejħ fil ħũienet ma jatu ebda jedd lil min igibhom fuk sidru: imma jisũeũ biss bħala tifchira tal Cungress.»

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—50. Ir-rũieħ jintgharfu mil ghamil taħħom, bħalma issiġar (jintgharfu) mil frott.

Itolbu ll'Alla il mistrieħ ta dejjem gharrũieħ tajjba ta:

CARMELU BELLIA,

li miet haũn il Belt, fil 10 ta dan ix-xahar, ta 30 sena; u, barra minn ħutu, ħalla tibchiħ il martu, b'tarbija ta erba' xhur, li ghadha ma tafx x'tilfet. Chien żagħżuħ mill'aħjar, maħbub minn cull-ħadd ghall'imgiba ħelũa tieghu — u ghadda żmienu ighallem lit-tfal, l'eũũel f'li Scola ta Sur Achille Cesareo u imbaghd f'li *Stitut ta San Paũl,* fejn gieb ħasra cbira. Miet xahrejn ũara missieru.

OVIDJU LODUVICU DOUBLET, P.A.A., li, nhar id-Doluri, fl'14 tax-xahar li aħna fiħ, miet il Furiana, ta 94 sena. Chien id-Decan tal Periti Maltin: u mhux biss ghall ħila u ghall gost, imma ucoll ghall'onestà, chien ũieħed mill'actar imsemmijin fosthom. Chellu kalbu f'idejħ u chien ragel tal Cnisja.

TERESINA SERRE,

bint in-Nutar Dr. Cristoforo Frendo u oħt l'Avucat Pier Giuseppi Frendo, daũn il ġranet, mietet Tunes, fejn chienet tokghod ma żeũġha, il Professur Victor Serre, franciż; u bakghu iltiema minnha tliet trabi, ghad li ma chelliex ghajr 28 sena.

CARMELU LANZUN,

li miet il Furiana, fil 5 ta marzu, ta 66 sena, ragel maghruf u maħbub.

CARMELU MERCIECA,

li miet il Mosta, fejn dâm bosta snin Caxxier tal Banda *Nicolò Isuard* u chien migjub fuk l'idejn. Chien ghadu ta 55 sena u laka bis-sabar collu il marda tũila tieghu. Chien jigi ħu ir-Reverendu Patri Ugolinu, Franġiscan, u ħu l'imsieħeb taghna Toninu Mercieca.

Alla jatihom collha il Genna.

ID-DIREZZJONI.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻIEN.

### TIFTIXA SABIHA.

Keghdu tant numri ũara xulxin li, maghdudin flimchien, igibu 45; u, imbaghd, huma stess maklubin jibkghu igibu 45; u, fl'aħħar, maktughin ta taħt minn ta fuk, iħallu dejjem żejjda 45.

GINU.

It-tũiegiba ghall'aħħar *Mistoksija* chienet:

X u T L E T I N

Taũha tajjeb: mil Belt, is-Sinjurina Gjulietta Caũana-Callus u is-Sinjuri *Bunfus,* Carmelu Grixti u P. Camilleri-Bezzina—minn ħaż-Żabbar is-Sur G. Baldacchin—u minn Ghaũdex (*San Laũrenz*) is-Sur Dũardu Grima.